MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 1/2001/3

**Avukat Leslie Grech f'ismu proprju u ghan-nom ta' l-assenti (1) Amiti armla ta' Anthony Grech, (2) Joyoti Grech, (3) Gitali mart mart James Melvin u (4) Myra Grech; u Monsinjur Maurice Grech; u b'digriet tat-13 ta' Frar 2006 stante l-mewt ta' Monsinjur Maurice Grech l-atti gew trasfuzi f'isem l-istess Avukat Leslie Grech ghan-nom ta' l-istess assenti Joyoti Grech, Gitali mart James Melvin u Myra Grech, kif ukoll l-Avukat Dott. David Grech f'ismu proprju u ghan-nom**

**ta’ l-assenti Christopher Grech u Dorothy mart Malachy Higgins.**

**v.**

**Agent Kummissarju ta’ l-Artijiet**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn decizjoni tal-Bord ta’ Arbitragg dwar Artijiet. Permezz ta’ citazzjoni presentata fit-3 ta’ Lulju 2001 quddiem l-imsemmi Bord, l-atturi – l-Avukat Leslie Grech *pro et noe* u Mons. Maurice Grech – talbu r-ritrattazzjoni tal-kawza deciza minn dak l-istess Bord (fl-ismijiet inversi) fis-6 ta’ April 2001, wara li tkun giet imhassra u revokata l-imsemmija sentenza, u dan a bazi tal-Artikolu 811(e) tal-12 (u cioe` minhabba allegata applikazzjoni hazina tal-ligi).

2. Fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu, l-Agent Kummissarju ta’ l-Artijiet eccepixxa preliminarjament in-nullita` tac-citazzjoni “ghaliex ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest gudizzjarju ai termini ta’ l-Artikolu 460 tal-Kap. 12”.

3. B’decizjoni moghtija fit-8 ta’ April 2003, l-imsemmi Bord laqa’ din l-eccezzjoni, iddikjara c-citazzjoni nulla w illibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi. F’din id-decizjoni l-imsemmi Bord, wara li rriproduca *verbatim* is-subartikoli (1) u (2) ta’ l-Artikolu 460 tal-Kap. 12, kompla hekk:

**“Ghalhekk dak li ghandu ijgi determinat fl-ewwel lok huwa jekk il-kawza ta’ ritrattazzjoni ghandhiex titqies bhala procediment gdid li jkun qed jinbena kontra l-parti konvenuta fuq kwistjoni separata u distinta mill-kwistjoni originali jew ghandhiex titqies bhala l-ahhar stadju fil-proceduri dwar il-kwistjoni originali li dwarha tkun inghatat is-sentenza attakkata. F’dan l-ezami huwa essenzjali li jigu kkunsidrati t-talbiet specifici fil-procedura ta’ ritrattazzjoni u dawk maghmula fil-proceduri dwar il-kwistjoni originali biex**

**jista' jigi determinat jekk il-proceduri odjerni jistghux jitqiesu bhala parti mill-proceduri originali.**

**"Fil-waqt li t-talbiet fil-proceduri dwar il-kwistjoni originali bejn il-kontendenti ikun jirrigwardaw esklussivament il-meritu ta' dik il-kwistjoni li Qorti jkollha tiddetermina, fit-talba ta' ritrattazzjoni il-Qorti ma tigi b'ebda mod kostretta li tezamina il-meritu tal-kwistjoni originali izda li tezamina biss jekk jirrizultawx xi ragunijiet elenakti fl-artikolu 811 tal-Kap. 12 biex tkun tista takkorda t-talba ghas-smigh mill-gdid tal-proceduri konkjuzi dwar il-kwistjoni originali.**

**"Infatti bit-talba ghar-ritrattazzjoni l-parti jkun qieghed jitlob biss li tinghata lilu l-fakolta` li jerga' jibda mill-gdid il-proceduri dwar il-meritu tal-kwistjoni originali li kienu diga` gew determinati. Ghalhekk sakemm ma tkunx ghadha giet akkordata ir-ritrattazzjoni, il-kwistjoni deciza bis-sentenza attakkata tibqa kkunsidrata bhala 'res judicata' u t-talba ghar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-ezekuzzjoni ta' dik is-sentenza jekk mhux bl-awtorizzazzjoni specjali tal-Qorti a tenur tal-Artikolu 823 tal-Kap. 12.**

**"Fit-talba ghar-ritrattazzjoni ma ssir ebda riferenza ghad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti dwar il-meritu tal-kwistjoni originali jew xi talba biex il-Qorti tikkunsidra l-istess meritu biex tvarja il-konkluzjonijiet taghha, izda t-talba hija limitata biss biex il-Qorti tordna li jergghu jinbdew il-proceduri originali.**

**"Ghalhekk ghall-istess intenzjoni u motivi tal-legislatur wara l-provvedimenti tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 hija ghaldaqstant rikjesta l-istess interpellazzjoni qabel it-talba li issa mhux biss hija ntiza ghall-bidu mill-gdid tal-procediment originali izda anke gall-ezami dwar l-ezistenza o meno ta' xi raguni elenkata fl-Artikolu 811 tal-Kap. 12, li hija kwistjoni separata u distinta mill-meritu tal-kwistjoni originali.**

**“F’dan ir-rigward huwa ukoll rilevanti li ssir riferenza ghall-Artikolu 818 u 820(2) tal-Kap. 12 li jenfasizzaw li l-proceduri ta’ ritrazzjoni hija separata u distinta mill-proceduri originali dwar il-meritu u li, b’differenza minn proceduri ta’ appell, l-argumenti rilevanti fit-trattazzjoni ta’ kawza ta’ ritrattazzjoni huma estranei ghall-meritu tal-proceduri originali.**

**“Dawn jipprovdu, l’Art. 818 ghal zmien indeterminat f’liema parti tista’ tigi ffaccata b’talba ghar-ritrattazzjoni stante il-gurnata indeterminata li minnha jibda jiddekorri t-terminu ta’ tlett xhur li fih tista ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni, u l-Artikolu 820(2) li jezigi dejjem sentenza separata fuq talba ta’ ritrattazzjoni.”**

4. Minn din id-decizjoni appellaw l-atturi b’rikors tal-<u>25 ta’ April 2003</u>. Huma bazikament jikkontendu li l-ewwel Qorti – il-Bord f’dan il-kaz – interpreta hazin il-ligi in kwistjoni (cioe` l-Artikolu 460) u dan peress illi (1) ir-ritrattazzjoni mhix procediment gdid, u li l-procedura ta’ ritrattazzjoni taqa’ f’dak li hu kontemplat fis-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 460. A propositu ta’ l-ewwel argument taghhom l-appellanti jispjegaw ruhhom hekk:

**“L-ittra ufficjali jew protest rikjest mill-Artikolu 460 tal-Kap. 12 huma mehtiega qabel ma jigi pprezentat att gudizzjarju li bih <u>jinbdew xi procedimenti</u>. L-intenzjoni tal-legislatur kienet illi tevita illi l-Gvern ikun konfrontat, b’sorpriza, b’kawza li, kieku kellu dan il-preavviz, forsi kien jasal ghal soluzzjoni u jevita l-kawza.**

**“Hija wkoll ghal din ir-raguni li dan is-subartikolu (1) jirrikjedi li fl-ittra ufficjali jew fil-protest il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b’mod car, appuntu sabiex il-Gvern jifhem minn qabel l-ilment, u ma jkunx konfrontat b’kawza bhal sajjetta fil-bnazzi, u jkollu l-opportunita` li jirrimedja.**

**“Il-kaz presenti ta’ ritrattazzjoni huwa kompletament differenti ghas-sitwazzjoni li ried jevita l-legislatur. Fil-**

**kaz presenti, il-kwistjoni hija gja maghrufa hafna mill-Gvern permezz tal-proceduri gudizzjarji li saru. Anzi, huma proceduri li nbdew mill-Gvern stess permezz ta' rikors li intavola hu stess quddiem il-Bord, liema proceduri ghadhom ghaddejjin. Hu guridikament assodat dottrinalment li r-ritrattazzjoni ma hix – u ma tistax razzjonalment tkun – l-inizju ta' "iter" processwali izda hi kontinwazzjoni jew estensjoni ta' process ta' kawza li diga` nbeda u tmexxa."**

5. Dana l-appell kien gie ttrattat fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2006 u thalla ghas-sentenza ghall-1 ta' Marzu 2006. Fl-udjenza ta' l-1 ta' Marzu 2006, pero`, din il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u stiednet lid-difensur ta' l-appellanti jindika d-disposizzjonijiet tal-ligi li a bazi taghhom huwa qed jippretendi li din il-Qorti tista' tisma' appell minn sentenza ta' ritrattazzjoni deciza mill-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet. F'din l-istess udjenza l-Avukat Dott. David Grech issenjala, b'referenza ghall-Artikolu 44 tal-Kap. 12, l-Artikoli 25(7) u 26 tal-Kap. 88

6. Effettivament, ghalhekk, din il-Qorti ssollevat hija stess il-kwistjoni ta' jekk tistax tisma' u tiehu konjizzjoni ta' dana l-appell.

7. Issa, skond l-Artikoli 34 u 41(5) tal-Kap. 12, din il-Qorti, komposta minn tlett Imhallfin, hi kompetenti li tisma' appelli minn sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili kif ukoll minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza superjuri taghha. Tista' tisma' wkoll appelli mid-decizjoni tad-Deputazzjoni taht l-Artikolu 6 tal-Ligi dwar il-Legati taz-Zwieg (Kap. 3), u dan inforza ta' l-Artikolu 42 tal-Kap. 12. L-Artikolu 44 tal-Kap. 12 jipprovdi li ***"Il-Qorti ta' l-Appell, barra milli tiehi konjizzjoni tal-kawzi msemmija taht dan it-Titolu, tiddeciedi wkoll il-kawzi l-ohra kollha illi b'disposizzjoni espressa tal-ligi huma mhollijin ghaliha."*** (sottolinear ta' din il-Qorti). Irid ghalhekk ikun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid li minn qorti jew tribunal jew bord hemm appell lil din il-Qorti, biex din il-Qorti kolleggjali tista' tkun kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' appell minn sentenza jew decizjoni li

ma tkunx tal-Prim Awla jew tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza superjuri taghha, jew tad-Deputazzjoni aktar ‘l fuq imsemmija. Hekk, per ezempju, is-subartikolu (6) ta’ l-Artikolu 102 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10) jipprovdi ghal appelli lil din il-Qorti mid-decizjonijiet tal-Bord ghas-Servizzi Generali. Pero` minn decizjoni tal-Bord ta’ Arbitragg dwar Artijiet ma kien hemm – fid-data li fiha gie intavolat ir-rikors ta’ appell odjern, cioe` fil-25 ta’ April 2003 – ebda dritt ta’ appell lil din il-Qorti. Kien biss permezz ta’ l-Artikolu 4 ta’ l-Att XVII tal-2004 li s-subartikolu (7) tal-Artikolu 25 tal-Kap. 88 gie emendat b’mod li dritt ta’ appell limitat gie introdott minn certi decizjonijiet tal-Bord ghal quddiem din il-Qorti. Qabel din l-emenda – u allura fid-data meta gie ppresentat ir-rikors ta’ appell odjern – is-subartikolu (7) imsemmi kien anzi jghid specifikatament li ma kien hemm ebda appell mid-decizjoni tal-imsemmi Bord dwar il-materji msemmija fl-istess Artikolu 25. L-Artikolu 26, imbaghad, tal-Kap. 88 – li ghalih ghamel referenza l-abbili difensur ta’ l-appellanti – ma jaghti ebda dritt ta’ appell lill-appellanti fil-kaz in dizamina. Dana l-artikolu semplicement jiddisponi li certi affarijiet li jezorbitaw mill-kompetenza tal-Bord iridu jigu decizi mill-Prim Awla, u allura, in kwantu jkun hemm decizjoni tal-Prim Awla, dik id-decizjoni tkun appellabbli ghal quddiem din il-Qorti. Fil-kaz in dizamina, pero`, is-sentenza jew decizjoni appellata ma hix tal-Prim Awla izda tal-Bord ta’ Arbitragg dwar Artijiet, u ghalhekk fid-data li fiha gie intavolat ir-rikors ta’ appell, ma kien hemm ebda dritt ta’ appell minnha ghal quddiem din il-Qorti.

8. Konsegwentement, din il-Qorti ma ghandha ebda alternattiva hlief li tiddikjara l-appell interpost permezz tar-rikors tal-25 ta’ April 2003 bhala irritu u null, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. L-ispejjez jithallsu mill-istess atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------